# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 29 ta' Marzu, 2023.**

**Numru 12**

**Rikors numru 1023/19/1 TA**

**Helen Borġ, Philip Rizzo, Doris Casha f'isimha propju u bħala mandatarja ta' Emanuel Rizzo, Joseph sive Guzi Rizzo, John Rizzo u Mary Josephine Sandham**

**v.**

**Carmelo Rizzo**

1. Il-partijiet huma kollha wlied u eredi ta' Carmelo Rizzo, li miet fit-12 ta' Ġunju, 1996 u Francesca Rizzo li mietet fl-1 ta' Awwissu, 2017. Fit-testment tagħha Francesca Rizzo ħalliet prelegat lill-konvenut Carmelo Rizzo konsistenti fit-"terran fl-intier tiegħu bil-bitħa retroposta miegħu liema sular li jagħti mil-livell tat-Triq tifforma parti minn post/fond akbar

bin-numru stradali mija u sebgħa u sebgħin (177), Triq il-Kbira, Ħal Qormi”. L-atturi jgħidu li ommhom qatt ma kienet proprjetarja ta’ dan il-fond u li m’għamlet l-ebda dikjarazzjoni fit-testment li l-prelegat mħolli lill-konvenut ma kienx proprjetà tagħha iżda ta’ terzi, u għalhekk dan il-prelegat huwa null u mingħajr effett.

2. F’dawn il-proċeduri huma talbu għalhekk lill-Ewwel Qorti sabiex:

> “**1.** Tiddikjara illi t-testatriċi Francesca Rizzo sad-data tal-mewt tagħha ma kinitx propjetarja tal-fond numru 177, Triq il-Kbira Hal Qormi;
>
> **2.** Tiddikjara illi t-Tieni Artikolu tat-testment datat 14 ta' Jannar 2016 fl-atti tan-Nutar Christian Masini Vento permezz ta' liema Francesca Rizzo ħalliet l-prelegat in piena u assoluta propieta lill-binha Carmelo Rizzo, mingħajr dritt iżda ta' sostituzzjoni vulgari favur uliedu, t-terran fl-intier tiegħu bil-bitħa retroposta miegħu liema sular li jagħti mil-livell tat-Triq tifforma parti minn post/fond akbar bin-numru stradali mija u sebgħa u sebgħin (177). Triq il-Kbira, Hal Qormi huwa wieħed null u mingħajr effett;
>
> **3. Konsegwentement t**ħassar u tannulla It-Tieni Artikolu tat-testment ta’ Francesca Rizzo, datat 14 ta' Jannar 2016 fl-atti tan-Nutar Christian Masini Vento.
>
> **4.** Tikkonferma t-testment fil-bqija;
>
> Bl-ispejjeż kontra l-intimat li minn issa huwa inġunt in subizzjoni”.

3. Il-konvenut eċċepixxa, *inter alia,* li huwa għandu legat tat-terran u l-bitħa li jifformaw parti mill-fond numru “177”, li t-testatriċi ħadet żball fin-numru tal-fond u ndikatu bħala 177 u li huwa manifest li dan sar bi żvista, li l-partijiet kienu ffirmaw dokument li ommhom kienet il-padruna tal-assi kollha ta’ missierhom u għalhekk ma ddisponiet minn xejn li ma kienx jappartjeni lilha fl-intier tiegħu, u li t-tielet talba għandha tiġi miċħuda

peress li fejn jirriżulta li l-legat kien biss in parti proprjetà ta' terzi, dan jista' jkun validu biss fir-rigward ta' dik il-parti li tkun proprjetà tat-testatur.

4. Bis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-10 ta' Novembru, 2022, ġie deċiż hekk:

> "Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-Kawża bil-mod segwenti:
>
> **Tilqa' l-ewwel żewġ** e**ċċezzjonijiet** tal-Konvenut.
>
> **Tiċħad l-ewwel it-talba** tal-Atturi u konsegwentement it-talbiet l-oħra kollha.
>
> Spejjeż ta' din il-Kawża għandhom ikunu sopportati kollha mill-konvenuti solidalment bejniethom."

5. L-atturi preżentaw ir-rikors tal-appell tagħhom fis-7 ta' Diċembru, 2022, permezz ta' liema talbu lil din il-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata billi tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut u tilqa' t-talbiet tagħhom fis-sħiħ.

6. Il-konvenut preżenta r-risposta tal-appell tiegħu fl-10 ta' Jannar, 2023, permezz ta' liema ssottometta li l-aggravji tal-appellanti għandhom jiġu miċħuda u s-sentenza appellata għandha tiġi kkonfermata fl-intier tagħha, bl-ispejjeż tal-appell kontra l-atturi appellanti.

**Ikkonsidrat;**

7. Permezz tal-ewwel aggravju l-appellanti jilmentaw li l-Ewwel Qorti ma setgħet qatt tiċħad it-talbiet attriċi ladarba ġie debitament pruvat li omm il-partijiet ma kinitx is-sid tal-fond bin-numru 177. Jargumentaw li huwa inkontestat li omm il-partijet ma kinitx is-sid tal-fond bin-numru 177 u għalhekk l-Ewwel Qorti ma kellha l-ebda raġuni biex tiċħad l-ewwel talba attriċi u tilqa' l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-konvenuti li wara kollox jikkontradiċu lil xulxin. Isostnu li l-Ewwel Qorti ma setgħet qatt tinoltra ruħha fuq kwistjonijiet dwar jekk kienx hemm żball jew le fl-indikazzjoni tan-numru tal-fond għaliex il-parametri tal-kawża kienu sempliċiment li ssir dikjarazzjoni li Francesca Rizzo ma kinitx is-sid tal-fond bin-numru 177 u jekk il-konvenut deherlu li kien hemm żball fit-testment messu għamel kawża *ad hoc* għaliex eċċezzjoni waħedha ma tista' qatt tvarja dak li ġie miktub fit-testment.

8. Permezz tat-tieni aggravju tagħhom il-konvenuti jargumentaw li fi kwalunkwe każ għandu jirriżulta li tressqu provi oħra li oltre kull ombra ta' dubju juru li l-klawsola testamentarja in kwistjoni hija nulla u mingħajr effett fil-liġi u dan billi ma teżisti l-ebda prova ċara li omm il-partijiet verament riedet tħalli l-fond bin-numru 173 lill-konvenut. Jilmentaw li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonsidrat li d-deskrizzjoni tal-fond mogħtija fit-testment hija simili għal fond numru 173 u dan peress li fit-

testment jingħad li l-fond għandu bitħa waħda mentri jirriżulta debitament pruvat li l-fond fih żewġt ibtieħi. Iżidu li apparti li tikkonstata f'hiex jikkonsisti l-fond numru 173 l-Ewwel Qorti kellha tikkonstata wkoll f'hiex jikkonsisti l-fond numru 177 biex tkun moralment konvinta li l-fond imsemmi fit-testment huwa fil-fatt il-fond bin-numru 173. Dwar ir-*recording* ta' omm il-partijiet li għaliha tagħmel referenza l-Ewwel Qorti l-appellanti jargumentaw li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tistrieħ fuq dikjarazzjoni estrapolata minn mara anzjana mingħajr ma qieset il-provi kollha u jgħidu li l-konvenut biss jaf ir-raġuni għalfejn kellu joqgħod jirrekordja lil ommu ftit qabel il-mewt tagħha, waqt li kienet nieqsa mill-vista u maqbuda fuq sodda.

9. Il-konvenut iwieġeb li l-ewwel aggravju jgħodd biss jekk xejn għall-ewwel talba, u għalhekk anke jekk jiġi milqugħ il-bqija tat-talbiet jibqgħu inalterati. Jargumenta li għalkemm huwa minnu li l-Qorti trid toqgħod rigorożament *entro* l-limiti tal-kontestazzjoni, it-talbiet attriċi jiġu determinati fl-isfond tal-eċċezzjonijiet li jippreżenta l-konvenut. Jgħid li fil-każ odjern irriżulta li omm il-partijiet riedet tħalli lil binha l-unika proprjetà li hija kellha u li bi żvista ġiet indikata b'numru differenti u għalhekk l-Ewwel Qorti baqgħet *entro* l-limiti tal-kontestazzjoni meta ċaħdet it-talbiet attriċi għaliex l-eċċezzjonijiet mogħtija minnu ġew pruvati.

10. Fir-rigward tat-tieni aggravju l-appellat iwieġeb li ladarba t-talbiet attriċi huma essenzjalment biex artikolu f'testment jiġi dikjarat null l-Ewwel Qorti tabilfors kellha tara jekk hemmx lok għan-nullità jew le u għalhekk id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti hija interament *entro* l-binarji tal-azzjoni. Jargumenta li l-liġi stess tipprevedi sitwazzjoni fejn legat jiġi indikat erronjament, u li skont il-ġurisprudenza l-intenzjoni tat-testatur għandha tinġibed mid-dispożizzjonijiet kollha tat-testment u mhux minn dispożizzjoni waħda iżolata. Jargumenta li huwa ċar f'dan il-każ li omm il-partijiet ħadet żball fl-enumerazzjoni tal-fond ikkonsidrat l-età tagħha, u jżid li fl-istess dispożizzjonijiet testamentarja il-fond ġie deskritt bir-reqqa. Iżid li skont il-ġurisprudenza ladarba l-kwistjoni hija dwar jekk għandux jiġi ammess il-legat jew le l-interpretazzjoni għandha tkun favur il-legatarju.

11. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Il-Qorti tibda biex tissottolineja dawn iż-żewġ punti, ta' importanza ħafna għall-vertenza li għandha quddiemha fid-dawl ta' kif inhu impostat ir-rikors ġuramentat.
>
> 1. Illi kull argument, dokument jew osservazzjoni li saret dwar jekk il-mejta kienitx tippossjedi il-fakultajiet mentali tagħha biex setgħet tiddisponi b'tesment, hija għal kollox irrelevanti u estraneja għall-kwistjoni li għandha quddiemha. Ir-rikors ġuramentat ma hux jattakka it-testment kollu, u f'ebda ħin ma jimputa nuqqas ta' fakultajiet mentali da parti tal-mejta. Tant kemm huwa veru, li fit-tielet talba l-Atturi jitolbu biss it-tħassir tat-tieni artikolu tat-testment inkwistjoni. Dan ifisser li jridu li l-bqija tat-testment jibqa' validu.
>
> 2. Illi huwa ċar ukoll, li fir-rikors ġuramentat tagħhom, l-Atturi qiegħdin jattakkaw il-legat, għaliex qiegħdin jqieshua bħal fatt, li l-mejta tassew riedet tħalli il-fond 177, Triq il-Kbira, Qormi. Ma humiex jgħidu, li jekk fi kwalunkwe każ kienet qed tirreferi għall-fond 173, Triq il-Kbira

Qormi, dan il-legat xorta jibqa' ħażin għaliex parti minnu kien jappartjeni lill-missier. Isegwi li t-testatriċi naqset li tagħmel dikjarazzjoni li kienet taf li ma kienx jappartjeni kollu lilha.

Dan qiegħed jingħad, ukoll għaliex fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħhom l-Atturi jagħfsu ħafna fuq il-punt li parti mill-fond 173, kien jappartjeni lill-missierhom Carmelo Rizzo. Pero', fir-rikors ġuramentat ma hemm xejn, la fil-premessi u l-anqas fit-talbiet, li jindika li kellhom f'moħħhom dawn ix-xorta ta' argumenti. Huma baqgħu marbutin biss mal-fatt li l-fond 177 ma kienx tagħha u waqfu hemm.

Il-Qorti trid tqies l-argumenti tal-Atturi dwar il-mertu fid-dawl ta' kif inhuwa konċepit ir-rikors ġuramentat fil-kombinazzjoni kollha tal-premessi u talbiet. Huwa l-konvenut, li fir-risposta ġuramentata tiegħu, jqanqal dan l-aspett meta jargumenta li it-testattriċi ħadet żball. Qalet 177 meta riedet tgħid 173. Huwa minnu ukoll li dan ma presenta ebda kontro-talba biex jitlob irretifika ta' dak li qed jissejjaħ żball.

Di fatti li l-Atturi jargumentaw fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħhom li f'dan ir-rigward, kienu huma li istitwew il-proċeduri odjerni sabiex jannullaw il-legat u mhux il-konvenut. Għalhekk, dejjem skonthom, il-Qorti hija marbuta bil-kawżali tat-talba u għalhekk l-eżami li trid tagħmel huwa dak u limitatament biss, għal dak li ġie mitlub minnhom. Jiċċitaw anke Sentenzi fuq dan il-punt. Fi ftit kliem huma jargumentaw, li minħabba f'hekk l-Qorti hija prekluża milli tipprova tidħol fil-kwistjoni ta' x'kellha f'moħħha it-testatriċi fis-sens, jekk hux tassew ħadet żball fin-numru tal-bieb tal-fond mertu tal-legat.

Il-Qorti ma tistax taqbel ma' dan, anke jekk il-kawża saret minnhom jew il-konvenut għamilx kontro-talba ġaladarba dan tqanqal fir-risposta ġuramentata tal-konvenut. Huwa minnu li l-Qorti ma tistax tipprovdi għal dak li ma ntalabx għax altrimenti tkun qed tiddeċiedi ultra petita. Minn naħa l-oħra ma hemm xejn xi jżomm lil din il-Qorti milli tindaga jekk it-talbiet humiex fondati. Biex tkun tista' tagħmel dan il-Qorti bil-fors trid tinvestiga x'kienet l-intenzjoni tat-testatriċi.

Għalkemm huwa wkoll veru li l-kawża hija bejn il-partijiet, il-Qorti ma tistax tinjora x'kienet ix-xewqa tal-mejta meta iddisponiet. L-Ingliżi jirreferu għal testament bħala li huwa "last wishes" tat-testatur. Fil-fehma tal-Qorti din tikkapsula kollox, l-aħħar xewqat tal-mejjet għandhom ikunu onorati' Huwa għalhekk li artikolu 694 tal-kodiċi Ċivili jiddisponi li:

> *"(1) Jekk il-persuna tal-werriet jew tal-legatarju hija indikata hazin, id-disposizzjoni ghandha effett, kemm-il darba wiehed ikun xort'ohra zgur liema persuna t-testatur ried jahtar.*
>
> *(2) Din ir-regola tghodd ukoll fil-kaz li jkun hemm zball fit-tismija jew fit-tifsir tal-haga mhollija b'legat, meta wiehed ikun xort'ohra zgur liema haga t-testatur ried ihalli."*

Din il-Qorti taqbel, li meta jkun hemm żball f'deskrizzjoni ta' legat, dan għandu jibqa' validu jekk tkun tista' tiġi aċċertata xorta oħra l-volonta` tal-persuna illi tkun għamlet it-testment. Fl-istess spirtu, il-Qrati tagħna dejjem jiffavorixxu l-kontenut u l-validita` tat-testmenti sakemm dan ikun possibli, għaliex il-kontenut tat-testment jirrifletti l-volonta` tat-testatur u li għandha, safejn possibli, tiġi rispettata.

Il-Qorti li dejjem taġixxi bħala *supra partes* u aktar u aktar meta in ballo jkun hemm ix-xewqat tal-mejjet. Li kieku din il-Qorti tħares lejn il-vertenza b'għajnejn differenti, tkun qed tiftaħ bieb għall-stratagemmi li jsofru bejn familjari tal-mejjet, sabiex jiġu elużi l-aħħar xewqat tiegħu bi preġudizzju għad-drittijiet ta' oħrajn li għandhom interess fl-eredita'.

F'dan ir-rigward huwa rilevanti li ssir referenza għal dak li jikkuntenta l-awtur Taljan Albert Trabucchi:

> *"La volonta` deve essere espressa. La dichiarazione assorbe la volonta` e vi deve corrispondere. Pero` con saggio criterio di opportunita`, il legislatore nell' art. 625 ha stabbilito che l'errore nell' indicazione dell' erede, del legatario, o della cosa che forma oggetto della disposizione [dichiarazione erronea, o putativa], anziche` essere causa di annullamento della disposizione stessa, come sarebbe regola per negozji tra vivi, venga corretto, e la volonta` abbia effetto purche` rizulti in modo non equivoco a quale persona o a quale cose iltestatore intendeva realmente riferirsi [falza demostratio non nocet].*
>
> *Il favor testamenti, che si concreta nel valutare il negozio potius ut valeat ut pereat, e la considerazione fatta sopra, per cui il rimedio della nullita` in molti casi sarebbe per lo meno sterile perche` il testatore non puo' riparare con un nuovo atto, spiegano l'opportunita` della norma."* (**Istituzioni di Diritto Civili [Cedam 2011] para.187 pga.466**).

Kważi kważi din il-Qorti tħoss, li f'ċirkostanzi bħal dawn; huwa obbligu tagħha, li tiskopri l-veru xewqat tal-mejjet b'rispett lejn l-aħħar xewqat tiegħu. Il-mejjet, li ma jkunx għadu fost il-ħajjin f'kawża, jixraqlu li jsib leħen li jħares l-aħħar xewqat tiegħu.

Fis-**Sentenza fl-ismijiet Constantino Muscat -vs- Nazzareno sive Reno Abela tal-1 ta' Ottubru 2004** ġie ritenut, li l-eżami dejjem sar xorta waħda sabiex tingħata effett lill-volonta' tat-testatur fit-testment tiegħu, bil-kunċett ikun li jekk il-kliem fiħ innifsu fl-istess disposizzjoni huwa ċar, u b'hekk id-disposizzjoni jista' jkollha effett, mela allura tali interpretazzjoni litterali għandha sservi. F'każ ta' dubju dwar dak li kien hemm miktub mbagħad, il-Qorti tħares lejn mezzi ta' interpretazzjoni sabiex tara l-vera sinifikat tal-istess disposizzjoni dejjem bl-għan sabiex tagħti effett lill-dak li t-testatur ikun ppropona fit-testment tiegħu. L-emfażi prinċipali hija fuq li jingħata omaġġ għax-xewqat tat-testatur.

F'dan ir-rigward huwa utli li ssir referenza għal dak li inqal fis-Sentenza fl-ismijiet Negozjant **Giuseppe di Ruggera Wismayer -vs- Giovanni Wismayer et, Appell Ċivili tas-17 ta' Jannar 1936 – Vol. XXIX.i.394**, illi:

> "*Huwa principju assolut kif imfisser mir-Ricci u fuq l-awtorita` ta' bosta sentenzi illi "cio` che interessa di stabilire e` quale sia stata l'intenzione del testatore, ed in questa indagine il magistrato, anziche attinersi strettamente alle parole usate dal disponente, puo` risalire al pensiero che ha dominato la sua disposizione.*" (Ara wkoll **Teresa Vella -vs- Maria Assunta Vella et", Prim'Awla tal-24 ta' Novembru 1954 – Vol. XXXVIII.ii.599**). Dawn is-sentenzi huma ukoll konformi ma' dak li trid il-liġi fil-Kodiċi Ċivili Malti fis-sens li "*i testmenti si debbono interpretare non secondo il senso letterale delle parole ma secondo il loro intrinsico contesto*. (Ara **Sentenza fl-ismijiet Margherita Borg vs Giovanna Bonello et, P.A. tas-28 ta' April 1928 – Vol. XXVII.ii.58**).
>
> Għalhekk il-Qorti ser tqies dak li qiegħed ikun eċċepit mill-konvenut, jekk huwiex minnu li għalkemm fit-testment hemm referenza għall-fond 177, fil-fatt l-intenzjoni tagħha kienet dik tirreferi għall-fond 173, Triq il-Gdida, Qormi.
>
> Il-Qorti eżaminat sewwa l-atti u waslet għall-konklużjoni li l-mejta tassew riedet tħalli l-fond 173 u mhux 177, Triq il-Kbira, Qormi. Hemm diversi fatturi li jindika dan".

A. Fl-ewwel lok huwa paċifiku bejn il-partijiet li l-uniku fond li t-testatriċi kellha interessi ta' propjeta' fih kien il-173 fl-istess Triq. Il-Qorti issibha bi tqila, li fl-eta' li kellha it-testatriċi kienet appostament qiegħda tindika numru u mhux ieħor biex terrendi inefikaċi din il-parti tat-testment.

Il-Qorti kellha ukoll opportunita' li taċċedi fuq il-post,. Rat li l-mod kif inhuwa deskritt fit-testment jikkombaċċja ma' dak li rat, anke jekk mhux fid-dettalji kollha. Il-Qorti tfakkar li dan it-testment sar fi Sptar u ftit xhur qabel ma mietet it-testatriċi. Meta l-Attriċi, Helen Borġ, xehdet fis-seduta tal-20 ta' Ġunju 2022, fuq mistoqsija tal-Qorti univokament ikkonfermat li dak li rat il-Qorti waqt l-aċċess huwa l-istess fond kif inhu deskritt fit-testment. F'dan ir-rigward, l-awturi anke jgħallmu li "*Del resto la cosa che si lega, puo' essere indikata tanto col suo nome quanto con dimostrazione o descrizione*". ( Opra ta' **Emideo Pacfici-Mazzoni** dwar il-legati).

B. Jidher ukoll ċar, li bejn il-kontendenti hemm diverbju fuq dan il-post peress li x'aktarx kien l-uniku assi ta' valur fl-eredita' (Ara affidavit tal-Atturi u kif ukoll tal-Konvenut u rapport lill-Pulizija a' fol 134). Dan jemerġi ukoll mill-kontro-eżami tal-Atturi fis-seduta tal-20 ta' Ġunju 2022, partikularment minn dik ta'; Philip Rizzo u Doris Casha.

C. L-iżball seta' kien ukoll indott mill-fatt, li qabel il-fond 173 kien enumerat bin-numru 201.

D. Il-Qorti kellha ukoll opportunita' li tisma' ir-reġistrazzjoni li presenta l-Konvenut (a' fol 131). It-testatriċi tinstema; tgħid b'leħen miksur, li riedet tippreferi lill-konvenut. Dan qalitu b'ċertu emfażi. Qalet ukoll li l-Attriċi Helen Borġ kienet tatha l-imbekkata biex tixtri l-fond mingħandha. Għalkemm qalet li qaltilha li kienet tiċċajta, il-mejta ma ħaditiex b'hekk.

E. Illi mill-kontro-eżami tal-Atturi fis-seduta tal-20 ta' Ġunju 2022 jemerġi b'mod ċar, li l-veru motiv ta' din il-Kawża ma hux minħabba li t-testatriċi kellha f'moħħha post li huwa għal kollox differenti mill 173, Triq il-Kbira, Qormi, iżda għaliex riedu li dan il-fond jibqa' bejn l-eredi kollha. L-Atturi, aktar kienu moħħhom f'kif ser jaqsmu l-ġid ta' ommhom waqt li kienet għadha ħajja, milli f'affarijiet oħra, tant li anke għamlu suġġeriment sabiex dan il-fond jinbiegħ f'ħajjitha u saħansitra kienu jaqsmu bejniethom anke minn dak li jifdal mill-ftit penzjoni li l-mejta kienet tirċievi.

Wara li kkunsidrat dan kollu, din il-Qorti hija moralment konvinta li it-testatriċi, omm il-kontendenti tassew ħadet żball meta indikat il-fond mertu tal-legat bħala 177 minflok 173. Il-Qorti ma hiex konvinta, li meta l-Atturi għamlu l-Kawża odjerna, ma għaddilhomx minn moħħhom, li ommhom kienet fil-fatt ħadet żball fin-numru tal-fond. Iżda sabuha komda, li jieħdu vantaġġ minn dan l-iżball u jiffokaw fuq il-fond 177, Triq il-Kbira Qormi, li jappartjeni lil terzi estraneji, bħala l-eħfef triq biex iġibu fix-xejn ix-xewqa tat-testatriċi.

F'dan l-istadju il-Qorti tagħmel referenza għal dak li intqal għas-**Sentenzi fl-ismijiet Connie Galea et -vs- Joseph Gauci et tal-31 ta' Mejju 2002, Appell Civili** u kif ukoll għal dik fl-ismijiet **Constantino Muscat- vs- Nazzareno sive Reno Abela" tal-1 ta' Ottubru 2004**. F'dawn is-sentenzi jingħad li l-Qorti dejjem għandha timbarka fuq ir-riċerkata ta' x'kienet ix-xewqa tat-testatur. (Ara **ukoll Sentenza ta' l-24 ta' Frar, 2011 fl-ismijiet Mary Muscat -vs- Dr. Renzo Porsella Flores u l-PL Luisa Tufigno**)

Dan ifisser li l-Atturi ma rnexxilhomx jipprovaw it-talbiet tagħhom.

Il-Qorti għalhekk ser tkun qed tiċħad it-talbiet Attriċi. Dana ma jfissirx li din il-Qorti qed tiddikjara lilha nnifisha dwar kwistjonijiet oħrajn fir-rigward ta' dan il- legat, bħal per eżempju jekk kienx hemm il-ħtieġa li t-testatriċi kellhiex tiddikjara li kienet taf li parti li dan il-fond jew parti minnu ma kienx jappartjeni lilha jew jekk saritilix pressjoni indebita biex tagħmel testament jew kienitx tippossjedi il-fakultajiet mentali biex tagħmel testment.

Din hija materja li din il-Qorti ma hiex tidħol fiha. Semmai sta għal kull min għandu interess li jirregola ruħu skont il-liġi sabiex tiġi stabbilita' il-validita' o meno ta' dan il-legat jew testment. Kien għalhekk, li fil-bidu tal-konsiderazzjonijiet tagħha, il-Qorti għamlet ċertu

> osservazzjonijiet. Il-Qorti qed tiddeċiedi biss, li fid-dawl tal-konstatazzjonijiet li għamlet, sabiex tara jekk l-ewwel talba hiex mistħoqqa li tkun milqugħa u sussegwentement it-talbiet l-oħra, peress li dawn huma anċillari għaliha."

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

12. Permezz ta' dawn il-proċeduri l-atturi qed jimpunjaw prelegat li tħalla minn omm il-partijiet lill-konvenut, li l-atturi jgħidu huwa *legato di cosa altrui.* Jirriżulta li fit-testment ma saret l-ebda dikjarazzjoni li t-testatriċi kienet taf li l-proprjetà li kienet qed tħalli bi prelegat lill-konvenut mhijiex tagħha. Il-konvenut min-naħa tiegħu jiddefendi ruħu billi jgħid li fit-testment ta' omm il-partijiet m'hemm l-ebda *legato di cosa altrui* iżda hemm biss żball fl-indikazzjoni tan-numru tal-fond li tħalla lilu b'legat.

13. Il-Qorti tibda billi tirrileva li huwa żbaljat l-argument tal-appellanti li l-Ewwel Qorti ħarġet 'il barra mill-limiti tal-kontestazzjoni meta daħlet fil-kwistjoni dwar jekk kienx hemm xi żball fl-indikazzjoni tan-numru tal-fond li kien qiegħed jiġi mħolli bi prelegat lill-konvenut minn omm il-partijiet. Il-kwistjoni sottomessa għall-ġudizzju tal-Qorti mill-atturi ma kinitx biss jekk omm il-partijiet kinitx jew le proprjetarja tal-fond bin-numru 177 fi Triq il-Kbira, Ħal-Qormi, iżda wkoll jekk il-prelegat imħolli lill-konvenut kienx null u mingħajr effett minħabba li huwa *legato di cosa altrui* mingħajr però ma saret dikjarazzjoni li t-testatriċi taf li l-legat mhuwiex proprjetà tagħha. Sabiex jirribatti dawn it-talbiet il-konvenut eċċepixxa li l-prelegat in

kwistjoni mhuwiex *legato di cosa altrui* kif qed jikkontendu l-atturi għaliex il-fond ġie sempliċiment indikat b'numru ħażin fit-testment u l-fond li tħalla b'legat huwa l-fond numru 173 li huwa proprjetà ta' ommhom. Għalhekk sabiex tiddetermina l-kawża odjerna l-Ewwel Qorti kellha tabilfors tiddetermina jekk sarx jew le żball fl-indikazzjoni tan-numru tal-fond imħolli bi prelegat lill-konvenut. Dan għaliex biex tinsorġi nullità ta' *legato di cosa altrui* minħabba difett ta' formalità jrid l-ewwel nett ikun hemm *legato di cosa altrui*, u f'dan il-każ biex jiġi determinat jekk hemmx *legato di cosa altrui* jew le irid jiġi determinat liema fond huwa s-suġġett tal-prelegat in kwistjoni.

14. Jirriżulta u huwa inkontestat li omm il-partijiet mhijiex il-proprjetarja tal-fond bin-numru 177, Triq il-Kbira, Qormi. Għalhekk sa dan il-punt għandhom raġun l-atturi meta jgħidu li l-ewwel talba tagħhom ma kellhiex tiġi miċħuda. Dan huwa fatt li mhux biss jirriżulta mir-riċerki ta' Francesca Rizzo li ġew esebiti in atti, iżda huwa wkoll fatt ammess u aċċettat mill-partijiet kollha nkluż il-konvenut. Minn dan ma jsegwix neċessarjament però li l-bqija tat-talbiet attriċi għandhom ukoll ta' bilfors jiġu milqugħa peress li l-kwistjoni dwar jekk il-prelegat mertu ta' din il-kawża huwiex null jew le tiddependi wkoll, fid-dawl tal-linja ta' difiża magħżula mill-konvenut, fuq jekk l-indikazzjoni tan-numru tal-fond imħolli bħala prelegat lill-konvenut hijiex korretta jew le.

15. Wara li rat l-atti tal-kawża din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti li mill-atti jirriżultaw provi biżżejjed sabiex jikkonvinċu lill-Qorti li l-indikazzjoni tal-fond bin-numru 177 u mhux 173 kienet sempliċiment żball, u li t-testatriċi riedet tħalli lill-konvenut il-fond numru 173. Fl-aggravju tagħhom l-appellanti taw żewġ raġunijiet għalfejn il-konklużjoni tal-Ewwel Qorti hija żbaljata u ċjoè (i) għaliex il-fond numru 173 fih żewġt ibtieħi mentri fid-deskrizzjoni tal-fond fit-testment it-testatriċi qalet li l-fond għandu bitħa waħda biss u (ii) għaliex m'hemmx prova dwar f'hiex jikkonsisti l-fond numru 177. L-argument dwar in-numru ta' btieħi huwa żbaljat. Fid-deskrizzjoni tal-fond fit-testment ma jingħadx illi l-fond fih bitħa waħda iżda sempliċiment tissemma bitħa waħda. Id-deskrizzjoni tal-fond fit-testment taqra hekk: "t-terran fl-intier tiegħu bil-bitħa retroposta miegħu liema sular li jagħti mil-livell tat-triq tifforma parti minn post/fond akbar" Minn din id-deskrizzjoni l-Qorti tifhem li meta ssemmiet il-bitħa din aktar issemmiet peress li hija retroposta għall-fond, biex ikun ċar li l-fond qed jitħalla lill-konvenut b'din il-bitħa b'kollox a skans ta' kull ekwivoku. Ewivoku dan li ma setax jinqala' fir-rigward tal-bitha l-oħra li mill-atti jirriżulta li hija bitħa nterna bejn kamra u oħra tal-proprjetà. Għalhekk il-fatt li ssemmiet bitħa waħda mhijiex il-prova skjaċċanti li l-atturi jippretendu li hi. Fir-rigward tal-argument li l-Ewwel Qorti ma kkonstatatx f'xiex jikkonsisti l-fond bin-numru 177, il-Qorti tosserva li peress li din hija kawża ta' indoli ċivili ma jeħtieġx li jirriżulta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-fond deskritt fit-Tieni Artikolu tat-testment ta' Francesca

Rizzo huwa l-fond numru 173 u mhux 177. Jeħtieġ biss li dan jirriżulta fuq bilanċ ta' probabilitajiet, u ċjoè li jirriżulta li mhuwiex biss possibbli iżda probabbli, u aktar probabbli milli le, li l-fond deskritt fit-Tieni Artikolu huwa l-fond numru 173 u li allura l-indikazzjoni tan-numru 177 hija biss żball. Fil-fehma ta' din il-Qorti mill-assjem tal-provi jirriżulta sodisfaċentement fuq bilanċ ta' probabbilitajiet li l-fond deskritt fit-Tieni Artikolu huwa fil-fatt il-fond bin-numru 173, kif wara kollox ikkonfermew ċar u tond l-atturi Doris Casha (*fol.* 66), Philip Rizzo (*fol.* 69 *dorso*) u Helen Borg (*fol.* 72) fil-kontroeżami tagħhom.

16. *Detto* dan, il-Qorti tqis li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta naqset milli tikkonsidra jekk kienx hemm il-ħtieġa li t-testatriċi tiddikjara li parti minn dan il-fond ma kienx jappartjeni lilha. Il-pern kollu tal-kawża attriċi jirrigwarda *legato di cosa altrui* u għalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti l-Ewwel Qorti kellha tiddetermina l-kwistjoni dwar jekk il-prelegat tal-fond numru 173 kienx f'parti minnu *legato di cosa altrui* u f'dak il-każ jekk kienx sar sew u kif trid il-liġi. Kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Carmelo Borg pro et noe v. Doris armla ta' Carmelo Borg** (Appell, 09/03/1994, Kollez. Vol: LXXVIII.ii.89): "Hu wkoll paċifiku li n-nullità tokkorri anki fejn l-oġġett tal-legat kien biss in parti proprjetà ta' terzi. F'din l-eventwalità l-legat jista' jkun validu biss fir-rigward ta' dik il-parti mill-oġġett li jkun proprjetà tat-testatur." Din hija r-rieda tal-liġi fl-Artikolu 698 tal-Kodiċi Ċivili. Ladarba l-atturi qed jitolbu n-nullità tal-legat sħiħ huwa possibbli li l-Qorti tiddikjara

in-nullità ta' parti mil-legat jekk jirriżulta li dan huwa l-każ għaliex il-*piu comprende il meno.* Fl-aħħar mill-aħħar huwa finalment fl-interess tal-partijiet kollha li l-kwistjoni dwar il-validità tal-prelegat imħolli lill-konvenut Carmelo Rizzo tinqata' mingħajr il-ħtieġa li jinkorru spejjeż addizzjonali biex issir kawża oħra, meta din il-materja taqa' *entro* t-talbiet imressqa mill-atturi u dwarha wkoll tressqu provi mill-partijiet.

17. Mill-atti jirriżulta li fid-denunzja ta' missierhom il-partijiet iddikjaraw li missierhom Carmelo Rizzo kien proprjetarju ta' kwart indiviż tal-fond bin-numru 173, Triq il-Kbira Qormi, u fit-testment tiegħu ħalla lil martu kwart mill-wirt tiegħu filwaqt li ħatar lil uliedu bħala eredi universali tiegħu. Dan ifisser għalhekk li Francesca Rizzo ma kinitx l-unika proprjetarja tal-fond in kwistjoni fid-data tal-mewt tagħha, peress li fid-data tal-mewt tagħha omm il-partijiet kellha sehem indiviż ta' $^{13}/_{16}$[1] minn din il-proprjetà. Fl-eċċezzjonijiet tiegħu l-konvenut allega li l-partijiet kienu ffirmaw dokument li ommhom hija l-padruna assoluta tal-assi kollha ta' missierhom, ħaġa li l-atturi jinnegaw. Il-Qorti tosserva li mill-atti ma jirriżultax li l-partijiet kienu rrinunzjaw għall-wirt ta' missierhom, u fi kwalunkwe każ missierhom m'appuntax lil martu bħala waħda mill-eredi universali tiegħu. Mir-riċerki esebiti in atti lanqas ma jirriżulta li qabel il-mewt ta' ommhom il-partijiet kienu trasferewlha s-sehem indiviż tal-fond in kwistjoni li kienu wirtu mingħand missierhom bħala l-eredi universali

[1] ¾ + ($^{1}/_{4}$ ta' ¼): $^{12}/_{16} + ^{1}/_{16} = ^{13}/_{16}$

tiegħu. Ikkonsidrat li bil-liġi trasferimenti ta' drittijiet reali fuq proprjetà immobbli jridu jsiru permezz ta' atti pubbliċi kieku verament kien sar tali trasferiment kien ikun jirriżulta mir-riċerki li ġew esebiti. Għalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti jirriżulta sal-grad rikjest mil-liġi li omm il-partijiet kienet proprjetarja mhux tal-fond sħiħ iżda ta' $^{13}/_{16}$ sehem indiviż mill-fond in kwistjoni. Minn dan isegwi li peress li jirriżulta li t-testatriċi m'għamlet l-ebda dikjarazzjoni li kienet taf li parti minn dan il-fond ma kienx proprjetà tagħha, il-prelegat imħolli lill-konvenut huwa null u mingħajr effett limitatament fir-rigward ta' dak is-sehem li mhuwiex proprjetà tat-testatriċi, u ċjoè sehem indiviż ta' $^{3}/_{16}$.

**Decide**

Għal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata billi:

i. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li sad-data tal-mewt tagħha Francesca Rizzo ma kinitx proprjetarja tal-fond numru 177, Triq il-Kbira, Ħal Qormi;

ii. Tilqa' f'parti it-tieni u t-tielet talbiet attriċi, tiddikjara li t-Tieni Artikolu tat-testment ta' Francesca Rizzo datat 14 ta' Jannar, 2016, huwa null u mingħajr effett limitatament fir-rigward tas-sehem indiviż ta'

3/16 mill-fond bin-numru 173, Triq il-Kbira, Ħal Qormi u konsegwentement tħassar u tannulla l-istess artikolu limitatament fir-rigward tas-sehem indiviż ta' 3/16 mill-fond bin-numru 173, Triq il-Kbira, Ħal Qormi.

L-ispejjeż kollha, inkluż tal-appell, jitħallsu fi kwoti ugwali mill-atturi *in solidum* bejniethom u mill-konvenut.

Mark Chetcuti
Prim Imħallef

Joseph R. Micallef
Imħallef

Tonio Mallia
Imħallef

Deputat Reġistratur
da